MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 06 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1806/2001/1

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rappresentant tas-societa estera Ecclesiastical Insurance Office plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Conrad Pace**

**Vs.**

**Francis Cutajar**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz fejn s-societa attrici talbet il-hlas ta' Lm508.92 rappresentanti danni fl-incident ta' traffiku msemmi fl-istess avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn gie dikjarat li l-istess konvenut ma kellux tort ghal incident u gie allegat li l-incident kien unikament tort ta' Conrad Pace.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li skond r-rapport tal-Pulizija l-assigurat tal-attur qal:

“Pace stated that he saw the truck stopped on the stop sign at Ta Liesse Road, and had the tail bord lowered. He tried to overtake the same from the rear part and at a sudden Truck GAE304 reversed and hitted his vihicle”.

Illi skond l-istess rapport il-konvenut qal:

“Cutajar stated that that he was deadly stopped at the Ta’ Liesse Roundabout and saw traffic coming and gave them way. One of the vehicles coming from under the Tunnel bearing Reg. No. GAW304 and instead of going from his front part of the vehicle. He tried to overtake from the rear part with the consequence of brushing along the open tailboard.”

Sema x-xhieda ta’ Conrad Pace li qal li ra lil konvenut wieqaf u ghadda minn warajh. Imbaghad il-konvenut beda jirriversja u laqtu.

Sema x-xhieda tal-konvenut li qal li kien wieqaf. Giet karozza minn warajh u baqghet diehla fuqu. Hu ma kienx ra l-karozza ta’ Pace qabel l-incident. Il-konvenut kkonferma li kien wieqaf u cahad li rriversja.

Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li kien weqaf fuq l-istop sign u fl-ebda hin ma qabez l-istop. Kien hemm spazju bejn it-truck u l-hajt.

Skond il-versjoni li ta Pace lil Pulizija ezatt wara l-incident hu kien ra lil konvenut wieqaf fuq l-istop sign.

Illi fil-kawza Noel Mallia noe. vs. Alphonse Anastasi et deciza mill-Prim ‘Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Ottubru 1996 gie ddikjarat:

“f’kawza civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b’tort tal-konvenut jrid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jippovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu.

Fil-kawza fl-ismijiet E. Zammit vs. E. Petrococchino deciza mill-Qorti tal-Appell fil-24 ta’ Frar 1952 inghad:

“il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu ifittex u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet”.

Mill-provi fil-waqt li Pace jallega li l-konvenut irriversja, l-konvenut cahad dan.
Ezatt wara l-incident l-partijiet taw il-versjonijiet taghhom, hawn ukoll Pace qal li l-konvenut irriversja fil-waqt li l-konvenut qal kien “deadly stopped”.

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal ma ghandux bizzejjed evidenza biex jikkonkludi li l-incident gara tort tal-konvenut u ghalhekk jichad it-talba tas-societa attrici bl-ispejjes kontra l-istess socjeta.

**Philip Manduca**
**Gudikant**